**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 38/2020 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 18 ta' Frar 2020

Ħin: 18:00

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sinj. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Chris Cassar** | Viċi Sinsku | Kunsill Lokali Birgu | SKUŻAT |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | SKUŻAT |
| **Sra Daviva Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | SKUŻATA |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | SKUŻAT |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREZENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Neville Camilleri** | Kunsillier | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Joseph Abela Galea** | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | SKUŻAT |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREZENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | ASSENTI |
| **Sur Jorge Grech** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREZENTI |
| **Sur Raymond Caruana** | Kunsillier | Kunsill Lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

## AĠENDA

38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

38.3 Komunikazzjoni mill-President;

38.4 Kuntratt tad-Dawl – Sejħa għal Tender Reġjonali ġdid;

38.5 Aġġudikar tat-Tender tar-Reġjun *"PROVISION OF A MOBILE RESPONSIVE WEBSITE*" – Rapport mingħand il-Bord tal-Għażla dwar l-Aġġudikar;

38.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

38.7 Rapporti –

- *Rapport ta' kull kwart Nru Q4 għas-sena 2019;*
- *Budget 2020*
- *Business Plan 2020-2022*

38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 101/2020;

38.9 Mozzjonijiet;

38.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 38.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li kienu l-Kunsilli Lokali BIRGU, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, TARXIEN li bgħatu notifika sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

ii. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn in-notifiki ta' apoloġiji mingħand il-Kunsilli Lokali BIRGU, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, TARXIEN.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Il-President staqsa jekk l-Minuti numru 36/2019 setawx jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

**i.i** Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Minuti hekk kif ippreżentati. Għaldaqstant il-Minuti 36/2019 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 38.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Reġjun Xlokk nforma lis-Sinjuri Membri li preżenti għal-laqgħa kien hemm żewġ membri mill-Aġenzija CULTURE VENTURE. Is-Sinjuri Tony Attard u Elaine Falzon semmew punti importanti li kienu ltaqgħu magħhom waqt xi laqgħat li kienu saru ma' għaqdiet u artisti varji għall-istess Reġjun tagħna. Żiedu jispjegaw li kienu ser jgħaddulna qafas għal strateġiji kulturali għar-Reġjun tagħna li imbagħad ngħadduh lil Kunsilli Lokali membri filwaqt li dawn min-naħa tagħhom jiġu lura bil *feedback*. CULTURE VENTURE

**ii.** Il-President nforma lill-Kunsill Reġjonali Xlokk li hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti l-LESA kienet għada mhix qed tħallas r-*running costs* imma kienet għadha qed tirrifondi biss is-salarji. LESA

**ii.i** Żied jgħid il-President ukoll li anke dwar l-invoices li konna għaddejnilhom ma konna għadna smajna xejn iktar mill-LESA.

**iii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk bħalissa kienu qegħdin Ħaż-Żabbar u l-Fgura filwaqt li minn Marzu kien imiss li jmorru ISLA u BORMLA. Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**iii.i** Reġa thenna wkoll sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jaraw li jqabduhom xogħol ta' ċertu livell għaliex dawn il-ħaddiema huma kollha ħaddiema tas-sengħa. Talabhom ukoll il-President li jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. Avża lill-Membri li kull min ried jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema kellu jibgħat email lir-Reġjun sabiex dan l-uffiċċju jkun f'pożizzjoni li jqassam l-iskeda għal dawn il-ħaddiema.

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-Reachout Centre, konna għadna għaddejjin għaliex il-laqgħa ta' ko-ordinazzjoni mal-persuni nvoluti ma saritx. ART - Reachout Centre

**v.** Il-President Paul Farrugia spjega li fir-rigward ta' uffiċini ġodda sabiex jibda jopera t-Tribunal Xlokk minnflokk miż-Zejtun konna għadna qegħdin naħdmu sabiex tinħareġ expression of interest sabiex jinstab post alternattiv hekk kif maqbul unanimament mil-Membri fil-laqgħat preċedenti.

Kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Lokali Xlokk ġewwa ż-Żejtun

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li kien biss il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien li m'aċċettawx l-offerta tar-Reġjun Xlokk li jirrifondi l-ispejjeż kollha ta' tlett bins għal-loqom tas-sigaretti u/jew chewing gum. Għaldaqstant il-President Paul Farrugia qal li dawn it-3 bins kienu ser jitilgħu bil-polza. Il-polza telgħat quddiem l-membri preżenti fejn telgħu l-Kunsilli Lokali ta' MARSA, ISLA, KALKARA fejn dawn kienu ser jieħdu bin kull wieħed.

Bins – loqom tas-sigaretti

**vii.** Il-President Paul Farrugia talab lis-Sinjuri Membri biex bħala preparamenti għat-tender tal-iskart li ser tinħareġ 2022, jgħaddulna aktar dettalji bħal kundizzjonijiet u per eżempju tip u qies ta' vetturi għal ġbir ta' skart u dan sabiex inkunu nistgħu ninkludhom fid-dokument tat-tender.

Tender Reġjonali - skart

**viii.** Il-President Reġjun Xlokk informa lis-Sinjuri Membri li konna rċevejna mingħand id-DLG sabiex jaraw fhiex kien wasal is-Social Impact Assessment għar-Reġjun tagħna. Żied jispjega l-President li ħadd mill-ħames Reġjuni ma kien għadu għamel dan l-istudju u li għaldaqstant kienet għaddejja koperazzjoni konġunta bejniethom biex jsir dokument wieħed li jwassal biex kull Reġjun joħroġ tender. Qal li bħala Reġjun Xlokk konna qegħdin f'diskussjonijiet ma' żewġ persuni differenti sabiex jiggwidawna x'hemm bżonn isir biex isiru dawn l-istudji.

Socail Impact Assessment

**ix.** Il-President talab lis-Sinjuri Membri sabiex jassiguraw li bħala Kunsill Lokali qegħdin jibgħatu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa fejn jirrigwardja l-10% Invoices tal-LES. Żied jgħid li dan kien qed jitolbu għaliex bħala Reġjun kien qed ikun diffiċli li nirrikonċiljaw mal-istatements tal-bank kemm-il darba ma jkollniex id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Kunsilli Lokali rispettivi u li dan kien qed iwassal biex ir-Reġjun ma jkunx jista jħallas l-10% dovuti.

Ħlas ta' 10% tal-LES

**x.** Il-President qal li kien qed jipproponi li jekk bħala Membri kienu jaqblu r-Reġjun jagħti lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu laned taż-żebgħa bajda, sewda u safra.

Għotja ta' żebgħa

**x.i.** Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri u kien hemm qbil unanimu li r-Reġjun jagħti dawn il-laned taż-żebgħa lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu. Is-Sinjuri Membri rringrazzjaw lill-President għal din l-inizjattiva.

**xi.** Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li kien qed jissuġġerixxi li kull Kunsill fi ħdanu jkollu bandiera tar-Reġjun Xlokk fl-uffiċini tiegħu flimkien ma dik tal-Kunsill rispettiv u tal-UE.

Bandiera tar-Reġjun Xlokk u arblu.

xi.i Saret diskussjoni u kien hemm qbil unanimu li kull Kunsill Lokali jixtri hu il-bandiera tar-Reġjun Xlokk flimkien mal-arblu sabiex b'hekk dawn ikunu tal-istess għamla u daqs ta' dawk li jkollhom ġewwa l-uffiċini rispettivi, imbagħad jintbgħatu kopja tal-irċevuti u dokumentazzjoni kollha relatata sabiex dawn l-ispejjeż jiġu rifużi fl-intier mir-Reġjun Xlokk.

**38.4 Kuntratt tad-Dawl – Sejħa għal Tender Reġjonali ġdid;**

i. Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li fir-rigward tal-ħruġ tat-tender il-ġdid għat-tiswija tad-dawl tat-toroq kienu l-Kunsilli Lokali ta' BORMLA, FGURA, FLORIANA, ISLA, KALKARA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, TARXIEN, XGĦAJRA, ZABBAR, ZEJTUN, li kienu qablu li jissieħbu u tinħareġ tender waħda b'mod Reġjonali.

ii. Il-President Paul Farrugia talab lill-Kunsilli Lokali li qablu li jissieħbu biex jekk hemm xi *specifications* li jixtiequ li jiġu nklużi fit-tender għandhom jibgħatuhom minnufih.

**38.5 Aġġudikar tat-Tender tar-Reġjun *"PROVISION OF A MOBILE RESPONSIVE WEBSITE"* – Bord tal-Għazla;** Fondi kulturali LESA

i. Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li fir-rigward tat-tender għall-Website għar-Reġjun Xlokk, il-Bord tal-Għażla kien diġa ltaqa darba pero peress li d-dokument fih diversi punti tekniċi li riedu jiġu mitqiesa bir-reqqa ma setax jieħu deċiżjoni u għaldaqstant kien għad irid jiltaqa drabi oħra qabel jasal għad-deċiżjoni finali. Kompożizzjon i Bord tal-Għażla

**38.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**38.7 Rapporti –**

- ***Rapport ta' kull kwart Nru Q4 għas-sena 2019;***
- ***Budget 2020***
- ***Business Plan 2020-2022***

i. Il-President informa lis-Sinjuri membri li kienu qed jitressqu r-Rapporti għar-raba' kwart tas-sena, il-Budget għas-sena 2020 kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma għat-tlett snin bejn 2020-2022.

i.i. Spjega li ladarba r-Reġjuni kienu qed jingħataw allokazzjoni l-qagħda finanzjarja tar-Reġjun kienet waħda ta' iktar stabbilita' u anke bħala likwidita' r-Reġjun kien jinsab f'pożizzjoni tajba.

i.ii. Qal ukoll li bħala Reġjun sakemm ikun possibli kien ser joħloq forma ta' skemi u inzjattivi anke ta' natura finanzjarja sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Żied jgħid li pero l-għan ewlieni fil-mument kien r-Reachout Centre. Spjega li minn dan il-proġett kien ser jibbenefika kull Kunsill Lokali membru għaliex dan il-proġett kien tal-Kunsilli Lokali wkoll.

i.iii. Sadanittant talab lis-Sinjuri Membri jekk dawn it-tlett rapporti setawx jiġu approvati u ffirmati.

i.iv. Saret diskussjoni mis-Sinjuri membri u kien hemm qbil unanimu li dawn ir-rapporti jiġu approvati u ffirmati. Il-President Paul Farrugia u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw r-Rapporti għar-raba' kwart tas-sena, il-Budget għas-sena 2020 kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma għat-tlett snin bejn 2020-2022.

**38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.101/2020**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 101/2020 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**38.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**38.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fi 19:30hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2020 fil-5:30pm.

*(Iffirmat)*
***Kav. Paul Farrugia***
***President***

*(Iffirmat)*
***Antonella Galea***
***Segretarju Eżekuttiv***